MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 717/2004

Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat tas-sezzjoni Arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta
vs
Donald Micallef

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ l-attur li bih ippremetta:

Illi l-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta kontra Donald Micallef (Cit. Nru. 914/94GV) kienet giet deciza minn din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 1995, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta’ Lm3731.17 (tlett elef, seba’ mija wiehed u tletin liri Maltin u sbatax-il centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 461102 li kien installat fil-fond ‘Dordon’, Triq Karlu Gimach, Zebbug (Malta), bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta` Maltacom p.l.c. llum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta` rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien ghadu ma hallas xejn, u b' hekk l-ammont dovut fil-mument, kien tas-sorte fuq indikati, oltre Lm296.29 (mitejn sitta u disghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond taxxa prezentata mar-rirkors u mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm2860.56 (elfejn, tmien mija u sittin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta' Lm6888.02 (sitt elef, tmien mija, tmienja u tmenin liri Maltin u zewg centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-Artikolu 258 ***et sequitur*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi xehdet Dr. Ingrid Zammit Young rapprezentanta tas-socjeta` rikorrenti li kkonfermat li ma thallas xejn mill-intimat mid-data tal-prezentata tar-rikors.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat baqa' kontumaci.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2005 l-intimat mghajjat tliet darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanza t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata.

Tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk tawtorizza lill-istess socjeta` sabiex tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza msemmija.
Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------